MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 37/2011

**Arbitragg numru 2159/09**

**R & E Importers and Distributors Co. Ltd.**

**vs**

**Auto Sales (MER) Limited**

**Il-Qorti**

**Rat** li l-Arbitru tac-Centru Malti tal-Arbitragg fit-3 ta’ Settembru 2011 ippronunzja s-segwenti decizjoni fil-vertenza fl-ismijiet premessi:-

*“Din il-kontroversja tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' zewg skritturi privati bejn il-kontendenti datati rispettivament 12 ta' April 2005 u x'aktarx, tas-26 ta' Jannar 2007. Qed jinghad "x'aktarx" ghaliex is-socjeta attrici ma tindikax data preciza fit-talba taghha u d-data tas-26 ta' Jannar 2007, hija mnizzla bil-lapis fuq id-dokument RA 2, prezentat mat-talba u max-xhieda ta' Mario Xuereb.*

*Fl-ewwel skrittura jinghad illi s-socjeta attrici qed tigi nominata bhala "Sales representative to promote sales in Malta and Gozo of Evobus 14+1 and Evobus 18+1 and any other similar Evobus vehicle ... " FI-iskrittura tal-2007, dan id-dettal inbidel billi inghad "of Evobus 10+1 and Evobus 14 +1 and any other similar Evobus vehicle hereunder called the Products for use as White Mini buses (VY)"*

*Kull meta jsir bejgh mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici, din kellha tircievi "a commission equal to fifty percent (50%) of the profit plus VA T on every sale. "*

*II-ftehim jikkontempla - Klawsola 3 - illi "Selling prices must be agreed to by both parties provided that should the parties fail to agree on a selling price then the Company (ie is-socjeta konvenuta) shall at its absolute discretion, determine that selling price. "*
*It-tieni ftehim - data tal-2007 - jirrepeti dak li kien diga miftiehem fl- ewwel wiehed - tat-12 ta' April 2005 - bid-differenza tal-klawsola 12 billi l-ewwel wiehed kellu jdum ghal hames (5) snin minn dik id-data tal-12 ta' April 2005, waqt Ii fit-tieni wiehed din tnizzlet ghal tlett (3) snin, naturalment ghaliex kienu diga ghaddew sentejn mill-ewwel data.*

*It-talba attrici hija bazata fuq dawn I-fatti, allegati mir-rikorrenti, illi s-socjeta konvenuta (a) naqset illi tiffissa I-prezz tal-bejgh tal-karrozzi impurtati, u Ii tinforma lill-attrici bil-prezz tal-bejgh, u konsegwentement (b) naqset li thallas il-kummissjoni dovuta lill-attrici.*

*Ghalhekk it-talba lill-arbitru hija li ghandu jillikwida id-danni komplessivi minnha sofferti minhabba n-nuqqasijiet tal-konvenuta.*

*Is-socjeta konvenuta cahdet li hija b'xi mod ma osservatx dak li kien miftiehem u bhala fatt specifikat illi ma kienux saru ordnijiet ghax-xiri ta' Evobus minibuses wara 1-14 ta' Mejju 2008;*

*Din il-kontroversja essenzjalment tinteressa s-sinjifikat li jrid jinghata ghal dak li jidher fiz-zewg skritturi li ffirmaw il-partijiet, partikolarment il-frazi li tidher fiz-zewg skritturi b'dan il-mod:-*

a. *FI-iskrittura tat-12 ta' April 2005:-*
b. *"The Company (ie is-socjeta intimata) being the appointed Evobus representative appoints R&E Co. Ltd. as Sales Representative to promote sales in Malta and Gozo of Evobus 14 +1 and Evobus 18 +1 and any other similar Evobus vehicle hereunder called the Products for use as red mini vans as per unscheduled bus service"*
c. *FI-iskrittura tas-26 ta' Jannar 2007, hemm l-istess kliem: l-unika differenza hija illi gew inkluzi Evobus 10+1 u ma ssemhiex Evobus 18+1*
d. *Is-socjeta intimata ssottomettiet illi l-espressjoni li hemm fiz-zewg skritturi - li ghadhom kif gew kwotati huma cari u dan jfisser illi 1- ftehim kien limitat ghal prodotti tal-Evobus u dan biss. Din is- sottomissjoniji hija bbazata fuq dak li*

*kemm stipulat fl-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili - Kap. 16:-*

*"Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car ma hemmx lok ghal interpretazzjoni" (Enfazi tal-arbitru)*

*Dak illi pero, s-socjeta intimata ma spjegatx hija l-espressjoni "and any other similar Evobus vehicle" u kif din l-espressjoni hija cara fis-sens li xorta wahda l-iskritturi huma limitati ghal prodotti "Evobus" u ghalihom biss. Izda l-arbitru jidhirlu li l-espressjoni wzata "and any other similar Evobus vehicle" tidher li tinkludi vetturi li huma "bhal" dawk li huma Evobus ghaliex il-kelma "similar" turi li mhux kompattibli l-esklussjoni ta' vetturi li huma bhal dawk ta' l-Evobus, u ghalhekk ma jidhirx li l-insistenza li kien kontemplat mill-partijiet li 1- iskritturi huma limitati ghal prodotti Evobus biss, hija korretta, ghaliex huwa car li dawk li huma bhal dawk il-vetturi imma mhumiex, strettament Evobus, u li dawn huma eskluzi.*

*Minn naha taghha, tas-socjeta rikorrenti, din insistiet illi ghandu jigi applikat l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili - Kap. 16, li jistipula:-*

*"Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fide, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li jgib maghha l-obbligazzzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita, bl-uzu jew bil-ligi. "*

*Is-socjeta rikorrenti tindika, bhala l-ewwel element li juri n-nuqqas ta' buona fede ta' I-intimati, I-fatt illi din ma osservatx I-obbligu taghha li tinforma bil-miktub il-bejgh ta' "the Products affected during the term of this agreement within two weeks from the finalization of each sale" (Klawsola 7 tal-ftehim)*

*Kontra dan il-lament pero, is-socjeta intimata tirrispondi illi hija qatt ma rceviet protesti fuq daqshekk, la verbalment u wisq anqas bil-miktub minghand ir-rikorrenti.*

*Gie l-mument fir-relazzjonijiet bejn il-partijiet, meta skond ix-xhieda - mhux kontradetta, ta' Manuel Zarb, li deher, ghas-socjeta rikorrenti; li l-mini-buses li bdew jimpurtaw l-intimati mill-Evobus kienu ta' prezz gholi wisq u ghalhekk "hadd ma beda jixtri". Allura huwa, ix-xhud, issugerixxa lil Auto Sales biex dawn jgibu 'vans' direttament minghand il-Mercedes u dawn, meta jaslu Malta, jigu konvertiti f'mini-buses li jigu irhas mill-Evobuses. Dan is-suggeriment ta' Manuel Zarb gie accettat minn Auto Sales Ltd. Li effettivament impurtat minghand il-Mercedes "vans" li wara li jaslu Malta, jigu konvertiti f'minibuses.*

*Dan ix-xoghol ta' konverzjoni sar minn Emmanuel Cutajar li xehed fis-seduta tas-17 ta' Frar 2011.*

*Huwa ghamel ix-xoghol fuq "Sprinter" vans tal-Mercedes u minn dawn Cutajar qal li minn "panel glass vans" ghamilhom tajbin biex jittrasportaw il-passigieri. Huwa ghamel hekk billi ikkonverta hames (5) vetturi hornor u ghaxra (10) jew hdax(11)*

*vetturi bojod.*
*It-talba tas-socjeta rikorrenti hija proprju fuq dawn il-"vans" konvertiti f'mini-buses. Dawn il-"vans" kienu tas-socjeta Mercedes u fin-Nota ta' sottomissjonijiet taghha tas-7 ta' Marzu 2011, ir-rikorrenti tghid "illi meta s-Sur Zarb in rappresentanza tas-socjeta rikorrenti talab il-commission fuq tali vannijiet skond il-ftehim, is-socjeta intimata rritjutat bl-iskuza li dawn il-vannijiet ma kienux qed jghaddu mill-Evobus."*
*Is-socjeta rikorrenti tghid li c-cahda tal-intimata illi dawn il-prodotti ma jintitolawhiex ghall-kummissjoni miftiehma, issejhulha 'manuvra' u tghid illi din giet ikkondannata minn diversi kazijiet fil-gurisprudenza taghna u telenka tlett sentenzi li pero ma taghti l'ebda dettal la tal-qorti u la tad-data, meta dawn gew pronunzjati, biex dawn jistghu jigu konsultati mill-arbitru.*

*B'danakollu l-arbitru jaqbel illi dawn it-vans' tat-tip Mercedes, li gew konvertiti f'mini-buses minn Emanuel Cutajar, fuq is-suggeriment ta' direttur tar-rikorrenti Emanuele Zarb, japplika ghalihom dak li hemm stipulat fil-ftehim u cioe illi dawn huma kontemplati fil-frazi:-*
*" .. any other similar Evobus vehicle hereunder called the Products for use as red mini vans"*

*U fit-tieni ftehim:*
*u ... for use as white mini vans"*
*Din il-konkluzjoni, wasal ghaliha l-arbitru meta kkonsidra dawn 1-Artikoli tal-Kodici Civili - Kap. 16.*
*L-ewwelnett, is-socjeta intimata ma tatx tifsira ta' dawn il-frazijiet u baqghet tinsisti biss illi l-kummissjoni lir-rikorrenti hija dovuta u dovuta* ***biss*** *ghal vetturi Evobus u xejn izjed. Imma daqshekk huwa car illi l-iskritturi li jsemmu "other similar Evobus vehicle" juru li dawn il-kliem ma jistghux jfissru dak li hemm fil-kliem li jigu qabilhom, u ghalhekk f'dan is-silenzju x'ifissru dawn l-ahhar kelmiet - l-aktar li jista jinghad huwa Ii huma ambigwi imma allura l-Artikolu 1005, jsolvi:*

*"Il-kliem li jista jfisser haga u ohra ghandu jinftiehem fis-sens li 1-izjed jaqbel ma l-oggett tal-kuntratt. "*
*Hekk ukoll l-Artikolu 1004:*
*"Meta klawsola tista tfisser haga u ohra, ghandha tinftiehem li tfisser dik il-haga li biha jista jkun hemm xi effett milli dik il-haga li biha ma jkun hemm aktar effett. "*

*Dan l-ahhar Artikolu japplika ghal frazi "and any other similar Evobus vehicle" il-ghaliex bis-sottomissjonijiet tal-intimata socjeta din ma jkollha ebda effett u tista titnehha mill-ftehim minghajr ebda effett u konsegwenza, u tigi li qiesha m'ihiex hemm.*

*Ghalhekk l-Artikolu iwassal ghal konkluzzjoni illi I-lament tas-socjeta rikorrenti jolqot dik l-attivita li esegwiet l-intimata fuq is-suggeriment ta' Manuel Zarb li timporta minghand il-Mercedes 'vans' u tikkonvertihom f'mini-buses bhal dawk tal-Evobus. Dawn kienu, skond ix-xhieda ta' Emanuel Cutajar, li effettwa l-konverzjoni hamsa (5) homor u ghaxra (10) jew hdax (11) bojod.*

*Del resto, din is-sitwazzjoni li nholqot billi I-Evobuses ma bdewx jimxu fis-suq hija dik I-rikorrent isemmi fin-nota ta sottomissjonijet taghha kontemplata fis-sentenza PA. Portanier vs. Bezzina tat-3 ta; Ottubru 2001 :-*
*"meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car, jew posterjorament ghall-kuntratt jintervjeni avvenimentli jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li hemm bzonn tigi maqtugha, allura l-Qrati jkunu obligati jinterpretaw il-konvenzjoni; u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li jkun jidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet.*

*B'dan kollu pero ghalkemm huwa car li l-intenzjoni principali tal-ftehim bejn il-partijiet kienet illi s-societa attrici tircievi kummissjoni fuq il-bejgh tal-mini-buses Merecedes u ghalhekk jidher li l-attrici ghandha dritt ghall-kummissjoni anki fuq dawk li gew konvertiti; 1-arbitru sab diffikulta sostanzjali biex jistabilixxi x'haqqha s-socjeta rikorrenti bhala kommissjoni fuq dawn il-hmistax (15) il-vettura li gew konvertiti hawn Malta u dan ghaliex ma giex stabbilit xi swielha 1-intimata biex ghamlet iI-konverzjoni fuq kull vettura mpurtata.*

*L-ebda domanda fuq daqshekk ma saret mill-avukati tar-rikorrenti u din l-ispiza ma tistax ma tigix konsiderata ghaliex naturalment din trid tizdied mal-prezz ta' importazzjoni u b'hekk jonqos il-profitt li setghet ghamlet I-intimata u din teffettwa dik il-kummissjoni Ii hija ntitolata ghaliha s-socjeta rikorrenti.*

*Domanda bhal din ma setghetx issir mill-arbitru billi din kienet aktarx tindika x-xejra li kien se jiehu l-Iodo. Ghalhekk din il-likwidazzjoni trid ssir u sejra ssir "arbitrio boni viri".*

*Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet ir-rikorrenti qed jitlob is-somma ta' Eur. 51,199, kalkolata fuq il-15 il-vettura konvertiti, a bazi ta' dak li jidher fid-Dok. AW1, ezibit mill-intimata.*

*Dan ifisser illi I-pretensjoni hi li sar qligh ta' Eur. 6,826.53, fuq kull vettura, b'total ta' Eur. 102,398. Imma dak, ma jikkonsidrax l-ispiza li saret ghal konverzjoni ta' kull vettura u din qed tigi kalkolata li ma saritx anqas minn Eur. 1826.53, u dawn jridu jitnaqqsu mill-qligh u ghalhekk dak li hija intitolata r-rikorrenti huwa ta' Eur. 37,500, a bazi ta' nofs il-qligh ta' Eur. 75,000 li ghamlet s-socjeta intimata mill-bejgh tal-mini-buses kif konvertiti.*

*L-ispejjez ta' dan il-lodo jinqasmu kwantu ghal tlett kwarti mill-intimati u kwart mir-rikorrenti."*

**Rat** li s-socjeta' intimata Auto Sales (MER) Limited hassitha aggravata b'din is-sentenza u ghalhekk interponiet appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors ta’ Appell ta’ Auto Sales MER Limited fejn gie premess:-

Illi fid-decizjoni mehuda mill-Arbitru f’Arbitragg numru 2159/09 fl-ismijiet premessi datat 3 ta’ Settembru 2011 u moghtija fit-12 ta’ Ottubru 2011 Auto Sales Ltd giet ikkundannata thallas is-somma ta’ 37,500 Euro lil R&E Importers and Distributors Ltd.

Illi n-breve, l-fatti li taw lok ghal din id-decizjoni huma dawn:

Illi sarbu zewg skritturi bejn R&E Importers and Distrubutors Co Ltd u Auto Sales Ltd datati 12 ta’ April 2005 u fis-26 ta’ Jannar 2007.

Fl-ewwel skrittura jinghad fost ohrajn illi s-socjeta intimata giet nominate bhala ‘Sales representative to promote sales in malta and Gozo of Evobus 14+1 and Evobus 18+1 and any other similar Evobus vehicle.’ Fl-iskrittura ta’ l-2007 inghad ‘of Evobus 10+1 and Evobus 14+1 and any other similar Evobus vehicle hereunder called the Products for use as White Mini buses (VY)’.

Illi kull meta jsir bejgh mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici, din kellha tircievi ‘a commission equal to fifty (50%) of the profit plus VAT on every sale.’

Illi l-ftehim fi klawsola 3 jiddikjara illi ‘Selling process mhux be agreed to by both parties provided that should the parties fail to agree on a selling price, then the company (ie is-socjeta’ konvenuta) shall at its absolute discretion, determine that selling price’.

Illi s-socjeta’ attrici allegat li s-socjeta’ appellanti importat vannijiet li jaqaq taht il-ftehim Auto Sales kellhom maghhom u allegat li naqset illi tiffissa l-prezz tal-bejgh tal-karozzi importati u li tinforma lil attrici bil-prezz tal-bejgh u li konsegwentement naqset li thallas il-kummissjoni dovuta lilhom.

Illi Auto Sales Ltd hija aggravate min din is-sentenza u ghalhekk tinterponi appell minnha quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi l-Arbitru iddecieda l-frazi ‘any other Evobus Vehicle’ ma tfissirx biss vannijiet ta’ natura Evobus izda tinkludi wkoll vannijiet ohra ta’ natura li jkunu simili ghal vannijiet Evobus.

1. Illi dan ir-ragunament hu, bir-rispett kollu, assurd. Illi li kieku l-kliem kienu ‘other vehicles similar to Evobus vehicles’ kien ikollu ragun l-artbitru izda l-partijiet kienu cari fil-ftehim. Il-ftehim kellu japplika ghal vetturi Evobus biss.

Ir-ragunament tal-arbitru, ifisser illi kieku Auto Sales Ltd importat numru ta’ vannijiet ta’ natura differenti u ikkonvertithom f’Malta ghal mini buses ukoll kien ikollha obligazzjonilejn R&E Importers and Distributors Co Ltd. Jekk importat per ezempju

van Toyota, Renault. Mazda li huma ‘similar’ ghal Evobus kellha ukoll thallas commission!

Skond l-iskritturi li hem bejn il-partijiet, ‘The Company being the appointed Evobus representative appoints R&E Ltd as Sales representatives to promote sales in Malta and Gozo of (Evobus 14+1 and Evobus 18+1/Evobus 10+1 and Evobus 14+1) and any other similar Evobus vehicle’.

Il-frazi ‘the appointed Evobus representative’ timplika li peress il-kumpanija kienet ir-rapprezentati ta’ Evobus, din l-iskrittura se tapplika ghal Evobus biss. Ma jaghmel l-ebda sens ir-ragunament ta’ l-arbitru li jimplika li kwalunkwe vettura ohta li possibilment seghtet tigi importata, li kienet simili fin-natura ghal vannijiet Evobus, se taqa wkoll taht dan il-ftehim.

Il-frazi ‘and any other similar Evobus vehicle’ ovvjament qieghda tinkludi vetturi ohra ta’ Avobus li jkunu simili ghal dawn il-vetturi konvernati. Kif jidher miz-zewg skritturi, Evobus tipproduci iktar minn mudell wiehed u tant hu hekk li bejn iz-zewg skritturi issemmew Evobus 10+1, 14+1 u 18+1. Dan jimplika li l-frazi kontroverzjali evidentement tindirizza vannijiet ta’ Evobus biss li huma simili ghal mudelli koncernati … per ezempju Evobus 12+1…

**Evobus hija “a coach builder”, societa li taghmel “conversions” ta’ vannijiet, busses. Illi l-partijiet riedu jiftehmu li kull vettura li tixtri Auto Sales li tmur ghal “conversion” ghand Evobus jigu nkluzi fil-ftehim. Ma riedux jinkludu fil-ftehim vetturi li qatt ma marru ghand Evobus ghal “conversion”. Vettura li qatt ma imut ghand Evobus qatt ma setghet tkun “other similar Evobus vehicle”. Minkejja da nil-fatt R&E tippretendi hlas fuq vannijiet li qatt ma marru ghand Evobus u gew konvertiti f’Malta.**

2) Illi l-ligi tghid f’artikolu 1010 tal-kodici civili, li

**1010** Ghalkemm il-kliem li bihom tkun imfissra konvenzjoni jkunu generali, fil-konvenzjoni ma jidhlux hlief  il-hwejjeg li fquhom ikun jidher li l-partijiet kellhom il-hsieb li jikkuntrattaw.

Dan jimplika illi din il-frazi kellha tittiehed fl-ambitu tal-ftehim shih, il-ftehim jikkoncerna l-Evobus biss u ghalhekk ma jaghmel l-ebda forma ta’ sens li ghal din il-frazi biss, jigu inkluzi vetturi ohra li mkien iehor ma jissemmew fil-kuntratt u li qatt ma gew kkunsidrati mill-partijiet.

3) Illi l-artikolu 993 tal-Kodici Civili ghandu jigi applikat u b’hekk il-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti in bona fede.

Ghalhekk ma jaghmel l-ebda forma ta’ sensli kuntratt li kien carament jitratta biss Evobus, f’daqqa wahda japplika ghal ditti ohra. Is-socjeta’ rikorrenti bla dubju mhux

qieghda tagixxi in bona fe meta qed titlob il-hlas ta' xi haga li bl-ebda mod immaginnabbli ma hi dovuta.

4) Illi l-Arbitru isemmi artikolu 1004 tal-kodici civili li jghid li "Meta klawsola tista' tfisser haga ohra, ghandha tintfhiem li tfisser dik il-haga li biha jista' jkun hemm xi effett milli dik il-haga li biha ma jkun hemm l-ebda effett." L-artbitru interpreta dan l-artikolu u qal li kieku l-frazi koncernata tigi interpretata li tapplika biss ghal vetturi ta' natura Evobus, il-frazi in kwsitjoni ma kien ikollha l-ebda effett. Dan hu assolutament skorett. Ma hemm l-ebda dubju li Evobus ma ghandiex biss il-mudelli imsemmija fil-kuntratt. Tant hu veru li l-mudelli koncernati bejn l-ewel ftehim u t-tieni ftehim inbidlu u ghalhekk jidher car li Evobus ghanda numru ta' mudelli ta' vannijiet. Ma hu veru xejn li kieku din il-frazi tapplika ghal vetturi ta' natura Evobus biss, din il-frazi ma jkollha ebda effett. Li kieku Autosales bieghet vannijiet ohra ta' Evobus izda mudelli ohra li ma kienux fil-ftehim u li kienu simili tal-vannijiet immsemmija fil-ftehim, mela f'dak il-kaz, il-klawsola kienet tapplika ghalihom. Izda f'dan il-kaz, il-bejgh kien jittratta vannijiet ta' natura Mercedes, li hi ditta ohra.

5) B'kull rispett lejn l-arbitru l-frazi n kwistjoni bl-Ingliz huwa car u ma jaghti lok ghal ebda interpretazzjoni. Il-partijiet ftehmu fuq vetturi Evobus u l-ftehim ma kien ikopri ebda van ta' xi ditta ohra izda kien jinkludi Evobus ta' tipi differenti mill-18+2 u ohrajn msemmija fil-kuntratt.

6) Illi ma hemmx dubju li fil-mument li l-partijiet dahlu fi ftehim bejniethom huma riedu li da nil-ftehim japplika biss ghal vetturi Evobus. Jekk per ezempju s-socjeta' appellant xtrat vettur Toyota u din il-vettura giet konvertita minn Evobus u mibghuta Malta l-ftehim kien rilevanti. Izda l-partijiet qatt ma kellhom intenzjoni li l-ftehim japplika ghal vetturi li mhumiex Evobus. Is-socjeta' R&E Importers and Distributors Co ltd qatt ma ilmentat, per ezempju, li ma haditx commission fuq vettura Renault importata mis-socjeta' appellanti li ma marritx ghand Evobus.

7) Illi jekk il-partijiet riedu li l-ftehim japplika ghal vetturi li mhumiex Evobus izda kienu "similar" ma kienux jinkludu kundizzjoni fil-kuntratt li l-kuntratt jispicca malli Auto Sales mhumiex iktar agenti ta' Evobus. Jekk il-kuntratt kellu jigi terminat malli s-socjeta' appellanti ma ghadiex agent ta' Evobus zgur li l-partijiet ma riedux jinkludu vetturi ta' tip Mercedes ghaliex kieku ma kienux jistipulaw li l-ftehim jispicca malli Auto Sales jispiccaw bhala agent ta' Evobus. F'paragrafu 17 tad-decizjoni tal-arbitru l-istess arbitru jikkonkludi li vans ta' tip Mercedes huma kontemplati fil-ftehim.

8) Illi l-esponent jaghmel riferenza ghax-xhieda ta' Mario Xuereb fejn gie spjegat b'mod dettaljat id-diffukltajiet kollha li kellha s-socjeta' attrici minhabba l-fatt li Evobus ma kienux qed jaghmlu "delivery" tal-vetturi fil-hin. **Kien hemm almenu zewg okkazzjonijiet fejn Auto Sales kienet ordnat u hallset ghal "conversion" fejn Evobus damet xi tmien xhur biex taghmel delivery. Dan ifisser danni kbar ghal Auto Sales.**

F’paragrafu 21 tad-decizjoni l-arbitru jghid: “huwa car li l-intenzjoni principali tal-ftehim bejn il-partijiet kienet li s-socjeta attrici tircievi kummissjoni fuq il-bejgh tal-mini buses Mercedes” – illi dan huwa manifestament assurd. Il-partijiet lanqas isemmu Mercedes darba wahda fiz-zewg kuntratti li ffirmaw.

Illi l-esponent jaghmel riferenza ghan-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu pprezentat fl-arbitragg.

Dwar il-kalkolu ta’ danni:

L-arbitru jghid li ‘sab diffikulta sostanzjali biex jistabilixxi x’haqqha s-socjeta’ rikorrenti bhala kummissjoni fuq dawn il-hmistax (15) il-vettura li gew konvertiti hawn Malta u dan ghaliex ma giex stabbilit xi swielha l-intimata biex ghamlet il-konverzjoni fuq kull vettura mportata.”

Illi ghalhekk l-arbitru iddecieda li jillikwida d-danni “arbitrio boni viri”.

Illi minghar pregudizzju ghas-sottomissjonijiet fuq imsemmija u minghajr ma bl-ebda mod jaccetta li hemm xi danni li ghandhom jithallsu s-socjeta’ appellant sejra tezamina dan il-kalkolu “arbitrio boni viri”.

a) Ma hemmx prova li gew konvertiti 15 il-vettura. Se mai gew konvertiti 14 il-vettura Mercedes. Illi ir-rispett l-arbitru ma jistax jassumi n-numru ta’ vetturi konvertiti izda irid jiddeciedi skond il-provi prodotti. Jekk R&E ma gabux prova konvincenti dwar kemm gew konvertiti vetturi ma jistax sempliciment jiddeciedi li gew importati 15 il-Mercedes.
b) Ma hemmx prova ta’ x’profit kellha Auto Sales Limited mill-bejgh ta’ vetturi Mercedes. Ma hemm ebda prova tal-ftehim bejn Mercedes u Auto Sales dwar il-profitt.
c) Fid-dokument AW1 (li fuqha l-arbitru bbaza l-kalkoli tieghu) jirrisulta li l-arbitru ha l-average profit li hadet R&E fuq l-ewwel 12 il-vettura imsemmija fl-istess AW1. Issa l-ahar erba minn dawn il-vetturi kienu mibjugha direttament minn R&E u ghalhekk hemm zball matematiku fil-kalkolu. L-ahhar erba vetturi minn dawn it-tnax kienu mibjugha direttament minn R&E u ghalhekk R&E hadet il-profit kollu u mhux nofs. Dan ifisser li l-kalkolu tal-arbitru huwa manifestament zbaljat. Ma hemmx dubju li Auto Sales bieghu l-vetturi Mercedes u ghalhekk fuq l-ebda wahda mill-vetturi Mercedes, R&E kellha tiehu l-profit kollu.
d) Illi assolutament minghajr pregudizzju jekk wiehed kellu, ghal grazja tal-argument, jaccetta li l-vetturi Mercedes, konvertiti Malta u mibjugha minn Auto Sales kienu inkluzi fil-ftehim allura l-kalkolu kellu ikun kif gej:

Ammont ta’ commission bazat fuq l-ewwel 8 vetturi ta’ dok AW1 = 1703.

Vetturi 14 – ghalhekk 14 x 1703 = 23842 x 2 = 47684 – tnaqqas spejjes ghal conversion (1826.53 x 14) = 25571.42.
47684 – 25571.42 = 22,112.58.

**Ghal dawn ir-ragunijiet kollha** s-socjeta’ appellanti qed titlob li din il-Qorti tirrevoka d-decizjoni appellata u konsegwentement tichad it-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istantzi kontra taghha.

**Rat** ir-risposta ta’ l-Appell tas-socjeta R&E Importers and Distributors Co Ltd. fejn gie sottomess:-

Illi fl-ewwel lok, ir-Rikors ta’ l-Appell mhuwiex konformi ma’ l-Artikoli 142 *et seq* tal-Kap 12 stante illi ghalkemm l-appellant jikkwota partijiet mid-decizjoni ta’ l-Arbitru fl-Arbitragg numru 2159/2009 huwa ta’ biss bicciet mid-decizjoni bil-konsegwenza illi dan jista’ jwassal illi dina l-Onorabbli Qorti ma jkollhiex stampa cara ta’ x’wassal ghad-decizjoni ta’ l-Arbitru.

Illi donnu bir-Rikors ta’ l-appell tieghu, l-appellant qed jerga’ jittanta jiftah il-kawza mill-gdid billi jilmenta fuq fatti illi rrizultaw mill-provi prodotti.

Illi taht il-Kap 387, li f’dan il-kaz hija l-ligi specjali li tirregola l-appelli mill-arbitraggi u precizament l-Artikolu 70C jaghti biss possibilita’ ta’ appell fuq punt ta’ ligi u ta’ fatti lill-arbitraggi li huma mandatorji u li zgur ma japplikax ghal kaz odjern stante illi dan kien arbitragg volontarju u ghaldaqstant, jista’ jsir appell biss fuq punt ta’ ligi abbazi ta’ l-Artikolu 70A u 70B.

Illi inoltre’ u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-arbitru ddeccieda abbazi tal-provi prodotti inkluz izda mhux limitatament ghall-provi illi rrizultaw dwar l-intenzjoni tal-partijiet.

Illi l-appellant fil-proceduri ta’ l-arbitragg qatt ma pproduca provi dwar x’riedu jfissru bil-frazi “*and any other similar Evobus vehicles”* liema provi ma gewx kontradetti mill-appellant.

Illi l-Artikolu 993 tal-Kap 16 jistipula illi *“il-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti bil-bona fede u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kolha li ggib maghha l-bbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita, bl-uzu jew bil-ligi”.*

Illi fil-fatt fid-decizjoni tieghu l-arbitru ha konjizzjoni wkoll tal-fatt illi x-xhieda ta’ Manuel Zarb in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici, illum appellate, liema xhieda lanqas ma giet kontradetta mis-socjeta’ appellanti Auto Sales (Mer) Limtied, huwa kien xehed illi l-mini buses li bdew jimpurtaw Auto Sales (Mer) Limited mill-Evobus kienu qed ikunu ta’ prezz gholi wisq tant illi fi kliem ix-xhud stes “hadd ma beda jixtri” u ghaldaqstant, l-istss xhud b’bona fede u fl-interess taz-zewg partijiet u sabix il-ftehim li kienu lahqu bejniethom ihalli l-frott intenzjonat, kien hareg bl-idea illi Auto Sales (Mer) Limtied ghandhom jibdew igibu ‘vans’ direttament minghand il-Mercedes u dawn meta jaslu Malta, jigu konvertiti f’mini buses liema mini buses jigu irhas mill-Evobuses. Fil-fatt dan is-sugeriment intlahaq tajjeb mis-socjeta’ appellanti

tant illi accettatu u ghalhekk bdiet tghamel, bid-differenza illi eskludiet lis-socjeta' appellate mill-kummissjoni dovuta lilha bl-iskuza illi dawn il-vannijiet ma humiex u lanqas huma similari ghal Evobus.

Illi fil-fatt, hareg ukoll mill-provi prodotti illi dawn il-vannijiet konvertiti f'Malta stess huma similari hafna ghal dawk ta' Evobus tant illi min jikkonvertihom stess fuq l-inkarigu ta' Auto Sales (Mer) Limited u cioe' certu Emanuel Cutajar xehed illi wiehed illi mhux filmistier ma jaghrafx bejn vann li gie firettament u goe konvertit f'Malta minn vann li ghadda minn Evobus ghaliex il-fabbrika tohroghom kollha l-istess.

Illi meta fir-rikors tal-Appell is-socjeta' appellanti tghid illi ma hemmx prova li gew ikkonvertiti 15-il vettura li taghhom ma nghatax kummissjoni u illi l-arbitru kien zbaljat illi kkalkula l-ammont dovut abbazi ta' 15-il vettura, qed tkun skorretta ghaliex mix-xhieda ta' EmanuelCutajar stess irrizulta illi huwa kkonveta 5 mill-homor u 10 jew 11 mill-bojod u ghaldaqstant l-arbitru kien korrett illi kkalkula l-kummissjoni fuq il-minimu u cioe' 15-il vettura.

Illi s-socjeta' appellanti fir-Rikors ta' l-Appell taghha, tallega illi l-arbitru ddecieda dwar vannijiet illi huma ta' ditta ohra u cioe' Mercedes.

Illi mill-provi prodotti fl-arbitragg, irrizutla illi dina hija biss skuza minn naha tas-socjeta' Auto Sales (Mer) Limtied ghaliex l-EvoBus hija kumpanija tal-Mercedes u fil-fatt is-Sur Presinger hekk kif irrizulta wkoll mill-provi prodotti fl-aritragg, huwa rapprezentant taz-zewg kumpanniji.

Illi inoltre' hekk kif irrizulta anke mix-xhieda tas-Sur Brian Farrugia in rapprezentanza tat-Transport Malta, il-vannijiet registrati setghu facilment ikunu EvoBus pero' jigu registrati bhala Mercedes stante illi dawn il-vannijiet jibqghu fl-ahhar mill-ahhar Mercedes. Din it-tezi giet anke sostanzjata mis-Sur Mizzi in rapprezentanza tal-MITA.

Illi hekk kif konfermat minn diversi xieda inkluz ir-Rapprezentant tas-socjeta' Auto Sales (Mer) Limited, l-iskop illi saru dawn l-istritturi kienet sabiex ma tinholoqx kompetizzjoni ta' l-istess prodott f'suq daqshekk zghir u limitat u ghaldaqstant iz-zewg partijiet kellhom ikunu *in boona fede* u leali lejn xulxin.

**Ghalhekk** is-socjeta' appellata tissottometti li d-decizjoni ta' l-Arbitragg timmerita konferma u konsegwentement l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell kif ukoll l-atti kif kompilati fil-proceduri quddiem l-Arbitru.

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Semghat** it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Dan hu appell minn lodo moghti fit-3 ta’ Settembru 2011 mic-Centru Malti tal-Arbitragg.

L-Arbitru fl-imsemmija decizjoni jiddikjara li l-vertenza hi fuq l-interpretazzjoni taz-zewg skritturi privati li gew iffirmati mill-partijiet. Dawn l-iskritturi huma datati rispettivament 2005 u 2007. Fl-ewwel skrittura s-socjeta appellata giet nominata mis-socjeta’ appellanti bhala "Sales representative to promote sales in Malta and Gozo of Evobus 14+1 and Evobus 18+1 and any other similar Evobus vehicle ... " Fit-tieni skrittura dan il-kliem inbidel u gie sostitwit bil-kliem "of Evobus 10+1 and Evobus 14 +1 and any other similar Evobus vehicle hereunder called the Products for use as White Mini buses (VY)."

Skond l-imsemmija skritturi kull meta kien jsir bejgh tal-imsemmija vetturi mill-appellanti, l-appellati kellhom jircievu kummissjoni ekwivalenti ghall-hamsin fil-mija (50%) tal-profit li kienet ser tghamel is-socjeta’ appellanti barra li din kellha tirrifondi lis-socjeta’ appellata l-VAT pagabbli fir-rigward tal-istess bejgh. Dejjem skond il-ftehim imsemmi l-prezz tal-vetturi kellu jigi ffissat bejn il-partijiet, pero’ jekk huma ma jaqblux, il-prezz kellu jigi ffissat mis-socjeta’ appellanti fid-diskrezjoni taghha.

L-appellati inizjaw dawn il-proceduri billi ppremettew li l-appellanti naqsu milli jiffissaw il-prezz tal-vetturi u naqsu ukoll li jinfurmaw b’dan il-prezz lill-appellati. Konsegwentement, skond l-appellati naqsu li jhallsu dak li kien dovut lill-appellati bhala kummissjoni. It-talba tal-appellati kienet fis-sens li kellhom jigi likwidati d-danni kollha sofferti minnha minhabba l-imsemmija nuqqasijiet tal-appellanti. KIf hu ovvju s-socjeta’ appellanti cahdet dan kollu u in partikolari ssottomettit li ma kienx hemm ordnijiet ghall-Evobus minibuses wara 1-14 ta' Mejju 2008.

L-Arbitru ddecieda l-vertenza billi l-ewwel ikkonkluda li kien irrizulta b’mod car li l-intenzjoni tal-partijiet meta saru l-imsemmija skritturi kienet li s-societa appellata tiehu kummissjoni kull meta ikun hemm bejgh tal-imsemmija vetturi skond kif indikat fl-istess skritturi. Inoltre skond l-Arbitru l-imsemmija kummissjoni kienet dovuta ukoll meta tinbiegh vettura li kienet giet konvertita ghall-minibus adatta ghat-triqat lokali u lit kun in regola mal-ligijiet lokali.
Meta l-Arbitru gie biex jillikwida d-danni, ddikjara li sab diffikulta biex jistabilixxi l-kummissjoni dovuta lill-appellati in partikolari fir-rigward 15 il-vettura li kienu gew konvertiti hawn Malta, billi ma kienx jirrizulta x’kien il-prezz sabiex issir tali konverzjoni. L-Arbitru ddikjara li dan il-prezz kien importanti li jigi stabbilit stante li jzid il-valur tal-vettura u b’hekk jonqos il-profit u dan, ovvjament jeffettwa l-kummissjoni talvolta dovuta lill-appellati. Fid-dawl ta’ dan kollu l-Arbitru kkonkluda li l-likwidazzjoni ser issir "arbitrio boni viri." Hawnhekk l-Arbitru kkonsidra x’kienu qed jitolbu l-appellati fir-rigward tal-kull wahda mill-imsemmija 15 il-vettura.

Ikkonsidra ukoll l-ispiza biex saret il-konverzjoni ta' kull vettura u dan skond kalkoli tal-istess Arbitru u eventwalment dawn l-ispejjez tnaqsu mill-profit. B'hekk gie likwidat l-ammont li kien dovut lill-appellati fuq il-bazi kif hemm indikat fl-iskritturi cioe' nofs il-qligh li kienet ser taghmel is-socjeta' appellanti mill-bejgh tal-mini-buses konvertiti. L-Arbitru ddecieda ukoll li l-ispejjez tal-arbitragg kellhom jinqasmu kwantu ghal tlett kwarti mill-appellanti u kwantu ghar-rimanenti kwart mill-appellati.

Hu korrett l-Arbitru meta ddikjara li l-vertenza hi dwar l-interpretazzjoni tal-iskritturi li saru bejn il-partijiet u dan fir-rigward ta' dawk il-vetturi li kienu gew konvertiti hawn Malta fuq struzzjonijiet tal-istess appellanti. B'kollox dawn il-vetturi kienu hmistax (15).

L-ewwel aggravju tal-appellanti jirrigwarda l-fatt li l-interpretazzjoni tal-Arbitru tal-iskritturi kienet tinkludi ukoll il-vetturi li kienu gew konvertiti. Skond l-appellanti l-klawsola in kwestjoni hi cara bizzejjed u tfisser li l-kummisjoni kellha tinghata biss meta jkun hemm bejgh ta' vetturi tal-marka indikata fl-istess skritturi cioe' l-Evobus.

Jidher li l-Arbitru qabel ma wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu ezamina dettaljatament it-termini tal-iskritturi. L-Arbitru, f'dan ir-rigward, ikkonsidra li dak li gie miftiehem ghall-ewwel tbiddel u l-operazzjoni tal-ftehim giet estiza. Inoltre l-operazzjoni tal-iskritturi kienet tkopri ukoll “any other similar Evobus vehicle hereunder called the Products for use as White Mini buses (VY)." Ghalhekk kellha tkun dovuta l-imsemmija kummissjoni miftiehma anke meta l-bejgh kien jittratta vetturi li kienu simili ghal dawk imsejjin bhala tal-marka Evobus.

L-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili - Kap.16 jipprovdi li meta t-termini uzati fil-ftehim ikunu cari m'hemmx ghalfejn ta' interpretazzjoni. L-Arbitru pero' rrefera ghall-kliem "and any other similar Evobus vehicle" u ghalih dan il-kliem hu car u ghalhekk ikkonkluda li l-ftehim kellu jinkludi fl-operazzjoni tieghu vetturi li huma simli ghal dawk li huma indikati fl-iskritturi cioe' dawk tal-marka Evobus. Ghall-Arbitru ma jistghux jigu eskluzi mill-operazzjoni tal-ftehim, dawk il-vetturi li huma simili ghal dawk tal-imsemmija marka - Evobus. Ghall-Arbitru, bir-ragun kollu, mhux korretta s-socjeta' appellanti meta ssottomettit quddiemu dak li qed tissottometti f'dan l-ewwel aggravju taghha.

Minhabba l-imsemmi kliem uzat mill-partijiet fl-iskritturi, hu ovvju li huma inkluzi fl-operazzjoni tal-iskritturi mhux biss il-marka imsemmija izda ukoll vetturi li huma simili.
L-Arbitru rritjena, ukoll korrettement, li huma applikabbli l-provedimenti tal-Artikolu 993 tal-Kodici Civili - Kap.16, cioe' li dak li gie miftiehem ghandu jigu esegwiti mill-partijiet bil-buona fede taghhom u inoltre li dak miftiehem kellu japplika bil-konsegwenzi kollha. F'dan ir-rigward l-Arbitru kkonsidra dak li gie sottomess quddiemu mill-appellati u cioe' n-nuqqas tal-buona fede minn naha tal-appellanti fl-esekuzzjoni tal-ftehim. In effett dawn in-nuqqasujiet, kif elenkati mill-istess appellati,

kollha jirrizultaw ippruvati b’mod sufficjenti. Jirrizulta sodisfacjentement li kien ir-rappresentant tas-socjeta appellate li ssuggerixxa lill-appellanti biex jimportaw vannijiet direttament minghand l-istess ditta li kienet tesporta l-Evobus, u wara l-istess socjeta’ appellanti setghet tikkonverti l-istess vannijiet f'mini-buses adatti ghall-Malta u dan bi prezz ferm irhas mill-Evobuses. Effettivament dan is-suggeriment gie accettat mill-appellanti, li bdew jimportaw vannijiet kif kien gie suggerit.

Jidher ukoll li tali konverzjoni saret fir-rigward ta’ hmistax il-van u jidher ukoll li dawn gew klassifikati kemm intuzaw bhala mini-buses homor u kemm bhala mini-buses ta kulur iehor. Il-Qorti taqbel li dan kollu jindika l-mala fede da parte tal-appellanti stante li dawn irrifjtaw li jhallsu l-kummissjoni lill-appellati meta dawn talbuha ghaliex irritenew li l-vetturi li kienu qed jigu importati u mibjughha minnhom ma kienux tal-marka Evobus. Jirrizulta pero’ li l-vetturi importati kienu prodotti u manifatturati mill-istess ditta li timmanifattura vetturi bl-imsemmija marka. Jirrizulta ukoll li dawn gew konvertiti hawn Malta fuq struzzjonijiet moghtija lil terzi mill-istess appellanti u li tali konverzjoni saret biss wara li sar suggeriment f’dan is-sens mill-appellati. Hu evidenti ghalhekk li s-socjeta’ appellanti ma esegwitix l-obbligi taghha skond il-ftehim bil-buona fede necessarja. Inoltre s-socjeta’ appellanti ghandha taccetta ukoll il-konsegwenzi kollha ta’ dak li gie miftiehem ma l-appellati. Il-vetturi kif gew konvertiti ghalhekk, hu indubbju li ghandhom jigu kkonsidrati li huma simili ghal dawk indikati fil-ftehim u konsegwentement anke fuq il-bejgh tal-vetturi konvertiti l-appellati ghandhom jithallsu l-kummissjoni.

L-appellanti jissottomettu ukoll li huma kienu biss ir-rappresentantui tal-Evobus u kwindi setghu jkkoncedu kummissjoni fir-rigward ta’ dawk il-vetturi. Anke fid-dawl ta’ din is-sottomissjoni din il-Qorti hi tal-opinjoni li hu ragjonevoli li l-kummissjoni ghandha tigi applikata ghall-15 il-vettura li gew konvertiti u dan stante li l-operazjoni tal-ftehim kien gie estiz ghall-vetturi li kienu simili ghall-Evobus. M’ghandhomx ragun l-appellanti fis-sottomissjoni taghhom li l-kliem “and any other similar Evobus vehicle” tinkludi biss vetturi ohra ta’ Evobus li huma simili ghall-mudelli indikati fl-iskritturi. Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-mudelli tal-Evobus li kienu qed jigu prodotti, hu evidenti li l-vetturi simili ma jinkludux biss vetturi simili tal-marka Evobus izda kull vettura ohra simili ghall-imsemmija vetturi.

Ma hemm ebda referenza fil-ftehim bejn il-partijiet ghad-dettal li l-ftehim jirreferi esklusivament ghal vetturi konvertiti mill-istess Evobus. Jigi ribadit li f’dan ir-rigward il-ftehim li wasslu ghalih il-partijiet hu car u jinkludi vetturi li huma simili ghall-dawk indikati tal-marka Evobus.

L-appellanti ghandhom ukoll x’jirrilevaw dwar l-imsemmui artikolu 993 tal-Kodici Civili u cioe’ li l-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti in buona fede. Huma jikontendu li hi s-socjeta appellata li ma esegwitx il-ftehim bil-buona fede, u dan billi talbet dak li mhux dovut lilha. Fl-opinjoni tal-Qorti pero’, hawnhekk kull ma qed jaghmlu l-appellati hu li qed jitolbu dak li jippretendu li hu dovutlilhom. Dan hu dritt li jappatjeni lil kullhadd u li li hu  salvagwardat mill-Ligi.

In vista ta' dan kollu l-imsemmi l-ewwel naggravju jimmerita li jigi rigettat.

Fit-tieni lok l-appellanti jilmentaw dwar il-likwidazzjoni tad-danni kif saret mill-Arbitru, in partikolari dwar il-kalkoli "arbitrio boni viri" kif saru mill-Arbitru u dan billi, skond l-appellanti, ma jirrizultawx sufficjentement certi fatti li fuqhom l-Arbitru strah biex jasal ghal-likwidazzjoni tad-danni. Kien propju minhabba f'hekk, cioe' li ma jirrizultax certi fatti, li l-Arbitru ddecieda li l-likwidazzjoni kellha ssir "arbitrio boni viri."

Hi l-fehma ta din il-Qorti li l-likwidazzjoni tal-ammont li hu dovut lill-appellati sar mill-Arbitru gustament. Il-kalkoli saru b'mod ekwu u ekwilibrat fejn ittiehdu in konsiderazzjonijiet id-drittijiet kollha taz-zewg partijiet. Ghalhekk anke dan l-aggravju ghandu jigi rigettat.

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tichad l-appell tas-socjeta appellanti u billi tikkonferma "in toto" d-decizjoni appellata cioe' dik tal-Arbitru tac-Centru Malti tal-Arbitraggi fl-istess ismijiet premessi tat-3 ta' Settembru 2011.

Spejjez kollha ta' dan l-appell jithallsu mis-socjeta' appellanti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------